MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2585/2002

**MiddleSea Insurance plc,kif surrogata fid-drittijiet ta' Vincent Vella u l-istess Vincent Vella**

**vs**

**John Charles Lucas u Eric Cefai**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti (jew min minnhom) jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm142.81) rappresentanti danni subiti mill-atturi f'incident stradali li sehh fit-28 ta' Gunju 2002 barra l-Mini ta' Regional Road bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 676 ta' Vincent Vella u l-vetturi li kienu isuqu warajha jigifieri Clio bin-numru ta' registrazzjoni JCL 001 misjuqa mill-konvenut John Charles Lucas u Clio bin-numru ta' registrazzjoni LCF 763 misjuqa mill-konvenut Eric Cefai,

ghal liema incident kienu responsabbli l-konvenuti (jew min minnhom).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali epprezentata ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-assikurazzjonijiet tal-konvenuti, kontra l-konvenuti, (jew min minnhom).

Ra li l-konvenut John Charles Lucas, debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra r-risposta tal-konvenut l-iehor Eric Cefai ipprezentata fl-4 ta’ Dicembru 2002, fejn huwa eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda fil-konfront tieghu u dana stante illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda tort imputabbli lilu, izda sehh unikament minhabba traskuragini, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-partijiet l-ohra fil-kawza, jew min minnhom.

Sema' x-xhieda ta’ Maurice Cordina Borg, Margaret Ellul, u l-konvenut Eric Cefai.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti konsistenti f’zewg dikjarazzjonijiet *front-to-rear*, esebieti u immarkati it-tnejn bhala Dokumenti MCB1, zewg *invoices* in konnessjoni mal-hsarat rapportati fil-vettura ta’l-attur immarkati bhala Dokument MCB2 u MCB3, kif ukoll *survey report* immarkat bhala Dokument MCB4.

Ikkunsidra,

Illi dana l-incident huwa wiehed tipiku *front-to-rear* fejn kienu involuti tlett vetturi, dik ta’l-attur li kienet qed tinsaq minn Margaret Ellul fuq quddiem, warajha il-vettura misjuqa minn John Charles Lucas u wara din, il-vettura tal-konvenut l-iehor Eric Cefai. L-incident sehh gewwa Regional Road, f’San Giljan qabel ma taqbad it-*tunnel* fid-direzzjoni lejn l-Imsida. Margaret Ellul tghid illi hekk kif qabbdet il-mina hija irrallentat xi ftit u kif ghamlet hekk

semghet hoss fuq in-naha ta’ wara tal-vettura misjuqa minnha. Hija waqqfet immedjatament, izda hekk kif kienet niezla mill-karozza, semghet hoss iehor, li kienet vettura ohra li habtet fuq in-naha ta’ wara tal-vettura li kienet dahhlet fiha. Kienu imtlew zewg dikjarazzjonijiet *front-to-rear*, wahda li imliet hi flimkien mal-konvenut John Charles Lucas esebieta bhala Dokument MCB1 a fol.26 tal-process u l-ohra li imtliet bejn Lucas u l-konvenut Eric Cefai esebieta bhala Dokument MCB2 a fol.27 tal-process.

Il-konvenut John Chales Lucas ma xehedx f’dina l-istanza u lanqas qatt ma deher ghas-seduti quddiem it-Tribunal. Huwa fil-fatt lanqas ma ipprezenta risposta fit-terminu moghti mill-ligi. L-konvenut Cefai li kien qieghed isuq Renault Clio bin-numru ta’ registrazzjoni LCF763 jaghti spjegazzjoni ‘il ghala l-attrici kienet irrallentat qabel ma dahhlet fil-mina. Jidher illi hija kienet ghamlet dan peress illi kienet tielgha vettura ohra mill-bajja ta’ San Giljan u hekk kif wasslet fil-ponta tat-telgha baqghet hierga biex b’hekk l-attrici kellha tirrallenta halli thallieha tghaddi. Kien f’dan il-punt illi il-vettura misjuqa mill-konvenut Lucas, quddiem il-vettura tieghu, baghet diehla fil-vettura ta’l-attur u hu min-naha tieghu habat fin-naha ta’ wara tal-vettura tal-konvenut Lucas. Huwa jikkonferma illi l-ewwel kienu habbtu Margaret Ellul u l-konvenut, Lucas u wara dan huwa baqa’ diehel fuq il-vettura tal-konvenut.

Ikkunsidra,

Illi mix-xhieda tal-partijiet ma jirrizultax illi jenhtieg xi indagini profonda rigward min kien responsabbli ghal hsarat rapportati fil-vettura tal-attur misjuqa minn Margaret Ellul. Jidher car illi kien il-konvenut Lucas li habat fuq in-naha ta’ wara tal-vettura ta’l-attur minhabba il-fatt illi hija irrallentat qabel ma dahhlet fil-mina. X’aktarx illi ma kienx hemm distanza bizzejjed bejn iz-zewg vetturi li fih Lucas seta jirrallenta ukoll min-naha tieghu. Inoltre il-parti tat-triq fejn sehh l-incident generalment jara vetturi isuqu b’certu velocita li ma jippermettiex lis-sewwieq jieqaf habta u sabta minghajr ma ikun hemm xi konsegwenza bhal dik ta’l-incident mertu tal-kawza. Min-naha taghha Margaret

Ellul kellha taghmel il-manuvra li ghamlet billi irrallentat u dana sabiex tevita incident ma’ vettura ohra li b’nuqqas ta’ hsieb baqghet hierga ghal fuq it-triq principali minghajr ma waqqfet.

Illi inoltre ma jirrizultax mill-provi (u cioe’ kemm mix-xhieda ta’ Margaret Ellul, kif ukoll minn dik ta’ Eric Cefai), illi id-daqqa li sehhet wara meta l-konvenut Cefai min-naha tieghu habat fil-vettura ta’ Lucas, ikkagunat xi hsarat ulterjuri fil-vettura misjuqa minn Ellul.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni. Skond is-*survey report* esebiet a fol.30 ta’l-atti processwali, l-vettura ta’l-attur sofriet hsarat fil-*bumper* ta’ wara biss, liema hsara ammontat ghal Lm97.75. Inoltre thallas ukoll l-ammont ta’ Lm33.06 ghal kiri ta’ vettura ohra mit-22 ta’ Lulju sas-26 ta’ Lulju 2002 u Lm12 lis-*surveyor*, b’kollox Lm142.81, kif mitlub fl-avviz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi filwaqt illi jilqa it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut John Charles Lucas biss, ighaddi biex jillibera lill-konvenut l-iehor Eric Cefai mill-osservanza tal-gudizzju u jikkundanna lill-konvenut John Charles Lucas ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u tnejn u erbghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm142.81), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-assikurazzjonijiet tal-konvenuti, ghandhom jigu issoportati, mill-konvenut John Charles Lucas, hlief ghall-ispejjez tal-konvenut Eric Cefai, li ghandhom jigu issoportati mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------